MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2004

**Il-Pulizija**
**(Sp. Marthese Micallef)**

**vs**

**Carmen Attard ta' 45 sena, bint Anthony Cassar u Mary nee Portelli, mwielda Hamrun fit-23 ta' Lulju, 1956 u li toqghod 73, Johntyr, Triq San Gejtanu, Hamrun, detentrici tal-karta ta' l-identita' bin-numru 500256 (M).**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmija Carmen Attard li giet akkuzata talli fl-4 ta' Dicembru, 2001 gewwa l-ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun ghall-habta ta' bejn 9.30 a.m. u 11.00 a.m.

(a) bil-hsieb li taghmel hsara lis-surgent 1283 C. Costa akkuzat lil dik il-persuna quddiem awtorita' kompetenti b'reat, filwaqt li kien jaf li dik il-persuna hija innocenti
(b) u aktar talli fl-istess data, hin u cirkostanzi ingurjat jew heddet, jew ghamlet offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dan is-servizz
(c) talli fl-istess data, hin u cirkostanzi, irrifjutat li taghti, jew tat falz lill ufficjal pubbliku jew lil wiehed iehor li jkun inkarigat minn servizz pubbliku waqt li jkun jaghmel id-dmirijiet tieghu, isimha, kunjomha, fejn toqghod u partikularijiet ohra,
(d) ukoll talli qalet kliem oxxen jew indicenti fil-pubbliku jew kliem li joffendi l-morali, l-imgieba xierqa jew id-dicenza pubblika,
(e) kif ukoll talli kisret volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku
(f) ukoll talli ma obdietx l-ordnijiet legittimi ta' l-awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma jhallihx jew ifixklu waqt li jkun jaghmel id-dmirijiet tieghu jew b'xi mod iehor, bla jedd, jindahal fi dmiru.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata bi proceduri sommarji.

Rat li l-imputata ma kellha ebda oggezzjoni ghal tali proceduri.

Illi mix-xhieda ta' l-istess imputat jirrizulta li hi mhux fuq suggeriment ta' l-Ufficjal Prosekutur marret l-ghassa ghas-sodisfazzjoni imma fi kliemha ghaliex meta saret taf minghand l-gharusa ta' binha li binha kien wehel hamsin lira u xahar sospensjoni tal-licenzja, hi "irrabjat… l-ghada filghodu nzilt l-ghassa biex nara min harrku u la taw kasi…" Dan id-diskors apparti iehor li tghid in ezami li se jigi riprodott aktar il-quddiem.

In kontroezami dwar il-punt tas-sodisfazzjoni wiegbet li hi mhux ghalhekk kienet marret imma "Minhabba ibni biex nara x'gara (a fol 44) ziedet "Biex nohodlu l-licenzja ghax

hekk qalli t-tifel. Qalli hudieli u ridt inkun naf min hu l-pulizija li harrku." Tkompli li hi ghamlet hekk ghax inkwetat "sahha wahhlu hamsin lira u xahar ma jsuqx. L-imputat anzi wara spjegazzjoni mill-Qorti li fil-fatt kull ma ghamlu l-pulizija huwa xogholhom u li jekk wehel xihaga kienet il-Qorti li wahhlithom, wiegbet "imma minhabba l-pulizija wahhluh". (a fol 44) Tant fil-fatt din il-mara (l-imputata) haditha kontra dan il-pulizija li fil-fatt riedet anke lis-surgent Costa jghidilha anke n-numru tal-pulizija li harrek lil binha.

Jekk wiehed ikompli jaqra d-depozizzjoni ta' din is-sinjura ssib din il-mara ex admissis la riedet taghti l-partikolari taghha lill-pulizija u lanqas il-basket dan ghax dehrilha li fil-kaz tal-partikolari hi m'ghamlet xejn biex timmerita li tintalab il-partikolari. Fir-rigward tal-basket m'obdietx tali ordni ghax iddecidiet li fiha ma kellha xejn ta' importanza hlief mobile u cwievet.

Dwar ir-reat ikkontemplat fl-ewwel akkuza u cioe dak taht l-artiklu 101 tal-Kap 9, il-Prosekuzzjoni ovvjament ressqet dawk l-erba' pulizija nkluz is-Surgent Costa li kienu prezenti fl-ghassa fejn gara l-incident in dizamina. Kull wiehed minn dawn il-pulizija fil-fatt xehed dwar il-karattru aggressiv li bih gabet ruhha l-imputata fil-konfront tal-pulizija, il-Magistratura u l-Ufficjali li harrku lil binha. Kollha nnegaw li Costa b'xi mod mess, imbotta jew taptap fuq spallejn Attard.

Dwar dan l-incident min-naha taghha xehdet li meta hi kienet se ddur biex titlaq il-barra mill-ghassa, dan wara li hi marret tindaga dwar it-tahrika ta' binha, u hadd mill-pulizija hadd ma ta' kasha, kien hawn li s-surgent Costa "pahpahieli fuq spallti, gebbidni mill-flokk u dahhalni ghal goc-cella, kienu erba' quddiemi" ( a fol 38). Qalet li ghamilha hekk ghax hu ried il-particulars minghandha. Ghal mod kif dahhalha fic-cella iddeskriviet din is-sitwazzjoni b'dan il-mod: "Ibblokkawli fejn nohrog. Kienu l-erba' quddiemi. Allura dort u kelli nidhol." ( a fol 40).

Dwar il-griehi sofferti f'din l-okkazjoni fuq domandi dwar ir-reticenza taghha biex tmur takkwista certifikat mediku, wiegbet li hi anzi a kontrarju ta' dak li kienet qed tissugerilha l-ufficjal prosekutur, riedet li tmur ghand it-tabib sparata (a fol 53). Pero' jekk wiehed jikkonsidra li hi harget mil-ghassa cirka 12.30 p.m. allura ghalfejn issaqsi din il-Qorti damet biex akkwistat dan ic-certifikat versu l-5.30 pm (a fol 21). Jidher ukoll li s-sinjura Attard lanqas ma qablet mal-kontenut tac-certifikat fil-fatt li hi tinsisti li fuq spallitha kellha tbengila u ghafsa ovvjament ikkagunati minn Costa.

Tenut dana kollu din il-Qorti wara li rat ix-xhieda , anke l-mod kif xehdet l-istess Carmen Attard, qed issibha hatja ta' l-akkuzi kif dedotti kontra taghha u dan wara li rat l-artikoli 101, 95, 338(g), 338(bb), 338(dd) u 338(ee). Dwar il-piena rat il-fedina penali ta' l-akkuzata li hija ghal kollox netta, jidher fil-fatt li l-imputata ghalkemm ghandha 'attitude problem' pero' in vista tac-cirkostanzi u cioe li tidher li ftit tifhem fis-sistema gudizzjarja qeghda minflok tinfliggi fuqha piena karcerarja bil-konsegwenzi kollha li ggib maghha tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tlett snin mil-llum u dan wara li rat l-art 22 tal-Kap 446.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------